MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 119/2003

**Francis Busuttil and Sons (Marketing) Ltd.**

**vs.**

**Paul Muscat.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Frar 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut kien intrabat li jistalla "*goods lift*" gewwa l-mahzen tal-kumpanija attrici f'Santa Venera, u dan wara li jhejji d-disinn tal-istess;

Illi l-konvenut beda x-xoghlijiet in kwistjoni fis-sena elfejn (2000);

Illi meta l-*lift* kien fi stadju avanzat il-konvenut kien wieghed u ggarantixxa li din setghet tintuza;

Illi meta filfatt intuzat l-imsemmi *lift* ceda b'rizultat li wegga' impjegat tal-kumpannija;

Illi susegwentement irrizulta li l-*lift* in kwistjoni kellu, fiz-zmien tal-incident, diversi nuqqasijiet li kienu jirrendu l-imsemmi apparat perikoluz;

Illi ghalhekk il-konvenut kellu jkun jaf li l-*lift* ma kienx tajjeb biex jintuza;

Illi ghalhekk, l-imsemmi incident gara unikament tort tan-negligenza u imperizja tal-konvneut;

Illi kagun tan-negligenza u imperizja tal-konvneut l-atturi sofrew danni kif set jigi dettaljtament spjegat tul is-smigh tal-kawza ghal liema danni jahti unikament il-konvneut;

Illi interpellat ufficjalment biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Issib lill-konvenut responsabbli ghad-danni kkagunati lill-atturi meta ceda l-*lift* premess liema danni jinkludu l-ispiza tal-*lift*, xoghlijiet mehtiega biex titranga l-hsara u danni ohrajn;

2. Tillikwida d-danni premessi okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-imsemmija danni likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

Il-konvenut hu minn issa ngunt ghass-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-25 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 27 ta' Awwissu 2004 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta` attrici ghandha taghti provi ta' x'interess guridiku ghandha fir-rigward ta' danni allegatament sofferti minn terza persuna.

2. Illi l-pretenzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li l-eccipjenti m'humiex responsabbli: -

a) Ghall-incident li allegatament kien involut fih xi impjegat tas-socjeta` attrici.

b) Danni ohra li tista' qieghda tirreklama s-socjeta` attrici.

3. It-tieni u t-tielet talba ghandhom jigi michuda *stante* li m'hemmx danni x'jithallsu.

B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri u kwalsiasi azzjoni spettanti lill-eccipjenti ghal hlas tax-xoghol li sar.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-25 ta' Novembru 2003 sad-9 ta' Novembru

2005 fejn il-kawza giet differita ghan-notifikat tal-konvenut bl-affidavits tal-attrici u konkluzjoni tal-provi tal-attrici.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-6 ta' April 2006 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja sabiex tisma' l-provi kif indikat.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda quddiemha prodotta.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Paul Muscat datata 28 ta' Lulju 2008 a fol. 96 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata mar-rikors datat 29 ta' Awwissu 2008 a fol. 104 tal-process.

Rat in-nota ulterjuri ta' osservazzjonijiet ta' Paul Muscat prezentata fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2009 lif jidher minn fol. 119 tal-process.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` attrici datata 14 ta' April 2009 a fol. 128 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn f'dak tas-seduta 3 ta' Gunju 2009 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta` attrici qeghda titlob hlas u likwidazzjoni ta’ danni sofferti minnha wara incident li sehh f‘*goods lift* installat mill-konvenut gewwa l-mahzen tas-socjeta` attrici fejn wegga impjegat tas-socjeta’ attrici.

Illi d-danni mitluba mis-socjeta` attrici jikkonsistu: (i) f’kumpens imhallas lill-impjegat Joseph Magro; (ii) refuzjoni tal-prezz tal-lift peress illi jsostnu illi dan thallas inutilment; u (iii) spejjez ohra li ghamlet is-socjeta` attrici in konnessjoni mal-incident li allegatament jinkludi l-ispiza ta‘ l-*engineer* sabiex jipprepara r-rapport u telf fin-negozju kawza tal-istess incident (l-affidavit ta‘ Michael Busuttil a fol 30 *et sequitur*).

Illi min-naha tieghu, il-konvenut qieghed jecceppixxi fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ interess tas-socjeta’ attrici u wkoll eccezzjonijietijiet ohra fil-mertu fejn qed jikkontesta r-responsabbilita` ghad-danni mitluba kif ukoll jikkontesta illi fil-fatt gew ikkagunati danni.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku jinghad li llum hemm diversi enuncjazzjonijiet gudizzjarji fuq l-istess, tant li huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi sabiex wiehed ikun jista’ jipproponi kawza irid juri interess guridiku fit-talbiet hekk proposti. Hekk fil-kawza ***“*Edrichton Estates Limited vs Munro Philipps & Co Limited*”.*** (P.A. (R.C.P.) – 2 ta‘ Ottubru 2003) gie ritenut li:

*“L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f’kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur”.* (**Muscat et vs Buttigieg et*”.*** (27 ta’ Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481).

Illi fis-sentenza ***"*****Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*****".*** ((A.C.) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto".*

Illi qed issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ***"*****Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et*****"*** (P. A. (J.C.C.) - 15 ta' Lulju 1952) fejn il-Qorit affermat illi:-

*"Citazzjoni tista' ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna …*
*biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e*
*inammissibile".*

Illi sentenzi ohra rilevanti huma ***"*****Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et*****"*.** (A.C. 28 ta' Frar 1997) u ***"*****Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et*****".*** (P.A. (RCP) - 1 ta' Ottubru 2002) fejn gie sostnut *"li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir".*

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi ***"*****Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni*****".*** (P.A. (JRM) - 18 ta' Jannar 2001); **"Albert Falzon Sant Manduca vs Bianche Weale*".*** (A.C. - 9 ta' Jannar 1959);

***"*Francis Tonna vs Vincent Grixti*"*.** (A.C.- 13 ta' Marzu 1992).

Illi ricentement l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"*Gladys Magri et vs Market Intelligence Services Company Limited et*"*** (A.C. – 20 ta' Mejju 2009), gabret l-elementi ta' interess guridiku u rriteniet illi interess guridiku irid ikun attwali (jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghall-ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza); irid ikun dirett; irid ikun legittimu (konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess); irid ikun guridiku (interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob); l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`; u dan ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur; il-kawza li jipproponi l-attur tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih; irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir; ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghall-jedd morali jew suggettiv. Ara wkoll ***"*Emmanuel Terribile vs Arthur Bajada*"*** (A.C. – 30 ta' April 2009) li trattat dan il-punt.

Illi applikati dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz in ezami, jidher illi mill-provi imressqa jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi l-incident u l-hsarat mertu tal-kawza li sehhew fil-lift sehhew fil-bini u cioe` fil-mahzen tas-socjeta` attrici. Jirrizulta wkoll bhala fatt mhux ikkontestat illi l-persuna illi korriet f'dan il-lift kienet impjegata mas-socjeta` attrici u ghalhekk is-socjeta` attrici kienet obbligata bil-ligi illi tipprovdi *a safe system of work.* Illi ghalhekk, in kwantu ghall-hsarat illi setghu sehhew fil-lift, ma hemm l-ebda hjiel ta' dubju illi s-socjeta` attrici ghandha interess guridiku.

Illi in kwantu ghad-danni konsistenti f'rizarciment lil Joseph Magro u cioe` l-impjegat li wegga' fl-incident, irid jinghad illi Joseph Magro inghad li huwa gie rizarcit is-somma ta' €13,976.24 (ekwivalenti ghal LM6,000) li

thallset *in parte* mis-socjeta` assiguratrici tas-socjeta` attrici u *in parte* mis-socjeta` attrici stess.

Illi hija allegazzjoni tas-socjeta’ attrici li hija hallset mill-istess somma fuq indikata €2,562.31 (Lm1,100) u dan bhala paga meta l-istess persuna li weggghet ma kinitx giet ghax-xoghol (affidavit ta‘ Joseph Magro a fol. 26). Jidher min-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenut illi l-ewwel eccezzjoni tqajmet peress illi l-ammont rizarcit lill-impjegat Joseph Magro ma thallasx kollu mis-socjeta` attrici. Huwa car illi l-interess guridiku tas-socjeta` attrici jista’ jissussisti biss  ghal dik is-somma illi qed tghid li hallset lill-impjegat taghha u anke lill-konvenut u certament ma ghandha l-ebda interess guridiku illi tithallas minghand il-konvenut ghal kull ammont li seta’ thallas mis-socjeta` assiguratrici lill-persuna li weggghet. Illi ghalhekk is-socjeta` attrici ghandha interess guridiku li taghmel din il-kawza fejn titlob li tigi ndemmnizzata ghat-telf soffert minnha, kemm bhala allegat hlas konsegwenti ghall-istess incident u kemm bhala telf ta’ profitt kawza tal-istess.

Illi ghalhekk  l-ewwel eccezzjonijiet in kwantu ghall-ammont illi hallset bhala rizarciment lill-impjegat Joseph Magro kif ukoll danni ohra konsistenti fi hsarat kkagunati fil-lift, u kif ukoll indikat f’din is-sentenza ma hijiex fondata u ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi dwar il-mertu jinghad li mill-provi mressqa jirrizulta illi wara illi gie nstallat *goods lift* mill-konvenut fil-mahzen tas-socjeta` attrici, Joseph Magro, impjegat tas-socjeta` attrici korra f’dan l-lift.

Il-konvenut jichad kwalunkwe responsabilita` kemm ta’ l-incident illi sehh kif ukoll kwalunkwe responsabilita` ghal danni ohra hekk kif reklamati mis-socjeta` attrici. Isostni dan, peress li jghid illi x-xogholijiet fuq il-lift ma kinux lesti u sahansitra l-lift ma kienx ikkummissjonat ghall-uzu. Isostni li kwalsijasi uzu li sar mil-lift sar ghar-riskju tas-socjeta` attrici.

Illi l-provi f’din il-kawza sostanzjalment ibbazati fuq xhieda mressqa mis-socjeta` attrici u x-xhieda tal-konvenut

sfortunatament jaghtu zewg verzjonijiet differenti tal-kaz. Hemm xhieda kunfliggenti dwar jekk il-konvenut kienx qal lis-socjeta` attrici biex tuza' l-lift in kwistjoni. Min-naha tieghu, il-konvenut jichad illi qatt ghamel dan. Li huwa maqbul bejn il-partijiet huwa illi x-xogholijiet fuq il-lift ma kinux kompluti. Dan jixhduh kemm d-diretturi tas-socjeta` attrici kif ukoll il-konvenut innifsu. Fil-fatt jidher illi certifikat ta' tlestija tal-lift qatt ma kien hemm. Li jikkontendi l-konvenut, ghall-kuntrarju ta' dak illi qed isostni s-socjeta` attrici huwa illi, ix-xoghol illi kien fadal fil-lift kienu ta' natura essenzjali u kien jittratta proprju dwar dawk li huwa specifikatament indika bhala *safety features* inkluz *emergency brake, electric locks fuq il-bibien, micro switches fuq il-bibien* kollox kif indikat fl-affidavit tal-konvenut datat 8 ta' Mejju 2006 (fol. 41) u allura certament bzonnjuzi ghat-thaddim sew tal-istess lift.

Illi dan ma giex bl-ebda mod ikkontestat mis-socjeta` attrici min-naha taghha, tant li tirrikonoxxi illi hija kienet taf illi x-xogholijiet fil-lift kienu ghadhom ma tlestewx, izda issostni illi l-konvenut kien accertaha li tista tuza l-lift minghajr problemi. Dwar dan pero' jinghad li id-diretturi personalment dan ma' setghux jikkonfermawh u dan irid jittiehed fil-kuntest ukoll tal-fatt li l-lift qatt ma gie kkomissjonat bil-miktub ghall-uzu u ma kien hemm ebda certifikat li tali xoghol gie komplut. Jinghad ukoll li minkejja li saret allegazzjoni li x-xoghol sar hazin fl-istess lift, kif indikat anke mic-citazzjoni u xhieda attrici, tant li ssemma li kien hemm rapport ta' enginier Kenneth Attard (fol. 31) dawn qatt ma gew prodotti bhala provi; lanqas giet prodotta bhala prova kull investigazzjoni li setghet saret kemm mill-awtoritajiet kompetenti u kif ukoll mis-socjeta' assikuratrici li hallset lill-impjegat id-danni allegatament sofferti minnu kawza tal-istess incident (fil-fatt lanqas dokumenti dwar dan il-hlas ma' gew esebiti).

Illi barra minn dan, il-konvenut jikkontendi illi l-lift mhux talli kien qieghed jintuza meta kien ghadu mhux komplut izda beda jintuza hazin. Jikkontendi illi dan il-lift huwa intiz sabiex tingarr il-merkanzija u mhux intiz ghall-garr tan-nies. Fil-fatt dan il-lift kellu buttuni fuq barra tieghu biss, a differenza ta' liftijiet ohra intizi ghall-garr tan-nies illi

jkollhom ukoll buttuni fuq in-naha ta’ gewwa. Fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li mill-provi prodotti dan kien *goods lift* u bhala tali qatt ma kien intenzjonat sabiex jigi uzat sabiex jitilghu fih persuni sabiex jinzlu u jitilghu bih.

Illi jidher illi Joseph Magro fil-fatt korra gewwa l-lift u ghalhekk kien jinsab go fih. Jirrizulta mill-kontro-ezami ta‘ l-istess Joseph Magro (fol. 77) illi fil-fatt huwa kien niezel bil-lift mis-sular ta’ fuq tal-mahzen peress illi l-kancell tat-tarag kien imsakkar. Ghalhekk jidher car illi l-incident ma kienx isehh li kieku dan Magro ma telax fil-lift in kwistjoni u ma uzax il-lift kif uzah.  Johrog car mill-provi illi s-socjeta` attrici kienet taf illi lift kien qieghed jintuza meta kien ghadu mhux lest u meta l-istess lift ma kienx ghadu attrezzat b’mizuri ta’ sikurezza  u l-istess socjeta’ attrici ma hadet l-ebda passi sabiex twaqqaf l-uzu tieghu b’kull mod inkluz li l-istess lift jintuza sabiex jinzlu bih ukoll l-impjegati. Ma hijiex gustifikazzjoni li s-socjeta` attrici tghid illi l-konvenut gieli tela’ fuq il-lift biex jippruvah. Ir-responsabilita’ tas-socjeta’ attrici tippersisti anke kieku ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li b’xi mod il-konvenut sostna li jista’ jintuza  dan il-lift bil-mod limitat kif allegat mis-socjeta’ attrici, u dan peress li hija s-socjeta’ attrici li hija responsabbli li tipprovdi sigurezza fuq il-post tax-xoghol u dan jidher li hija ma pprovditux. Jinghad li fid-dawl ta’ dak hawn premess li din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut li huwa ma awtorizax l-uzu tal-istess lift qabel ma jitlesta x-xoghol tieghu hija iktar verosimili, u b’hekk mhix qed taccetta l-versjoni attrici f’dan ir-rigward peress li ma hijiex kredibbli, dan iktar u iktar meta Michael Busuttil xehed li l-konvenut kellu jipprovdi certifikat ta’ inginier meta jitlesta l-lift (fol. 71), haga li baqghet ma saritx peress li x-xoghol fuq l-istess lift kien ghadu mhux lest, u dan huwa pacifiku bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti ma tistax lanqas tiskarta l-fatt illi l-incident in kwistjoni kien fil-fatt it-tieni incident illi sehh fil-lift. Fil-fatt xi jiem qabel kien korra impjegat iehor tas-socjeta` attrici f’dan l-istess lift. Ghalhekk is-socjeta` attric kellha l-obbligu illi tara illi l-lift jew ma jigix uzat jew ta’ l-inqas li jintuza minghajr periklu u dan kien l-obbligu taghha principali *verso* l-impjegati taghha skont il-ligi.

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li l-azzjoni attrici hija ppermjeta fuq l-allegazzjoni li l-lift in kwistjoni fid-data tal-incident kellu diversi nuqqasijiet li kien jirrendu l-uzu tieghu perikoluz, u jinghad li l-konvenut kien jaf li l-lift ma kienx tajjeb biex jintuza, mentri f'din il-kawza jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet taf li x-xoghol fuq l-istess lift ma kienx komplut, tant li l-istess lift qatt ma inhareg fuqu l-ebda certifikat ta' engenier li l-lift kien tajjeb ghall-uzu, haga li kellha ssir mill-konvenut ovvjament fuq rikjesta mis-socjeta' attrici. Fid-dawl ta' dan l-istess socjeta' attrici ma kellhiex thalli li jsir uzu tal-istess lift, li kien fil-kontroll taghha, mill-impjegati taghha, u dan anke fil-konfront tal-obbligi taghha *verso* l-impjegati taghha kif gja msemmi f'din il-kawza.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li dwar l-allegati danni sofferti l-istess socjeta' attrici ma pproduciet l-ebda dokument ta' xejn, lanqas tal-allegati hlasijiet li hija tghid li ghamlet, u fil-fatt lanqas hemm ebda prova dokumentarja dwar kif sar l-allegat hlas mis-socjeta' assiguratrici lil persuna li wegghet kawza tal-istess incident.

Illi ghalhekk wara li din il-Qorti ezaminat dan kollu thoss illi l-konvenut m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-akkadut u ghaldaqstant din il-Qorti ma thossx illi t-talbiet attrici huma gustifikati u ghalhekk l-istess talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------